MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Numru. 295/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Fawzi Bittar ta' 45 sena iben Mahmud u Hhamdij, imwieled Letakja (Sirja) fl-1 ta' Ottubru 1967, u residenti Vella Apts, Blk B, Flt 1, Triq l-Imrekjba, San Pawl il-Bahar. Detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 33688A**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'Marzu 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet diffferenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda

b'qerq  iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza` dwar grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,.329.37), ghad-detriment ta' Sergei Golovkin ID34206L, Nathalie Golovkin Cassar ID12367M, Paul Schembri ID 15876M, Michele Damato ID 529836M, Khaled Awad ID 26463A u/jew Bank of Valletta plc. Ai terminu ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi ai termini ta' l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xejnetement ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu xi haga li kien jaf li kienet misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat naqas milli jgharraf lill-Pulizija b'dan il-fatt fi zmien gimgha minn meta sar jaf, ai termini ta' l-artikolu 334A tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tar-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-25 ta' Lulju, 2012;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kawza jigi trattat bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghall-akkadut, izda l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat inganna diversi nies bl-azzjonijiet qarrieqa tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 308, 309, 310(1)(b), 18, 183, 184, 334A u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront u tikkundannah ghal perjodu ta’ sena w nofs prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------